MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Numru. 1201/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Johann Calleja**

**Anthony Galea**

**Illum 15 ta' Novembru 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Johann Calleja** ta' 27 sena, iben Joseph u Carmen *nee'* Amaira, imwieled Pieta nhar id-9 ta' Settembru 1985, detentur tal-karta tal-identita numru 459585(M) u bla indirizz fiss; u l-imputazzjoni migjuba kontra **Anthony Galea** ta' 49 sena, iben Carmelo u Salvina *nee'* Mifsud, imwieled Zejtun nhar is-17 ta' April 1963, detentur tal-karta ta' l-identita numru 223763(M) u bla indirizz fiss u nakkuzawhom talli;

1. Nhar id-9 ta' Novembru 2012 ghall-habta ta' nofs innhar, minn gewwa residenza numru 12, 'Gilji Bojod', Sqaq Bir L-Iljun, Rabat, Malta ikkommettew serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-dannu ta' Fr Adrian Cachia u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux

b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta'l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli f' dawn il-gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data kellhom fil-pussess taghhom medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli rrendew rwiehom recedivi ai termini ta’ artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Johann Calleja wahdu nakkuzawh ukoll talli:

6. F’ dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta’ Novembru 2012 u fil-granet ta’ qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorrizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta’ Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta’ l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 18 ta’ Frar 2009;

Il-Qorti rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-akkuzat **Anthony Galea;**

Il-Qorti rat illi **Johann Calleja** ma ammettiex l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk, fuq talba tal-Prosekuzzjoni ordnat illi l-proceduri kontra l-istess **Johann Calleja** jinstemghu quddiem Qorti ohra filwaqt illi l-proceduri kontra **Anthony Galea** jitkomplew u jigu decizi minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena;

Rat l-Artikoli 261 et seq tal-kap 9, l-Artikoli 4 u 6 tal-Kap 101, l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 31.18, il-Kap 31 u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9;

Rat ic-cirkostanzi ta’ l-akkuzat specjalment il-fatt li huwa ghandu problema serja tad-drogi u li ghandu bzonn jattendi ghall-kura necessarja;

Il-Qorti invista ta’ l-ammissjoni u tal-fatti lilha esposti ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal-piena karcerarja ta’ erbgha (4) snin.

Il-Qorti tordna wkoll li invista tal-problema serja tad-drogi li jidher li ghandu l-akkuzat, tordna lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-akkuzat tul tali perjodu hu jitqiegħed f'programm ta' rijabilitazzjoni kif ukoll programmi ohra intizi sabiex johrog mill-vizzju tad-droga.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------